**Labirint ta' tfittxija**

Ġiet fuqi l-mewġa ta' għatx kbir u qawwi
Ħadittni lejn imkejjen bil-wisq ġodda,
Xi stajt nagħmel aktar jekk mhux bħal gawwi
Li wara li nkun tirt ninżel għall-għodda?

U bdejt inħaffer 'l isfel biex forsi nsib
Xi ħaġa nteressanti li ma kontx naf,
U aktar ma għodost kemm ħbatt mal-insib
Kollu xbieki ta' min jaħsel li jrid jaf.

Imma l-għerf hu riżultat ta' xi ħakma
Ta' min telgħalu għal rasu l-ftit tagħlim?
Fil-għodu warrad u dbiel fil-għaxija?

Ma nqisniex għaref, fqajjar u bla drakma
Naf biss li għerfu kbir, safi, bla tixħim,
F'idejh jien, f'dal-labirint ta' tfittxija.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.